Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1544

5.8.2026

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/1544

## tas-17 ta’ Novembru 2025

## dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni, tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook (2025–2032)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikulari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) F’konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2625 ([2]), il-Protokoll dwar l-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook (2025-2032) (il-“Protokoll”), ġie ffirmat fid-9 ta’ Diċembru 2025, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f’data aktar tard.

(2) L-għan tal-Protokoll huwa li jippermetti lill-bastimenti tal-Unjoni jistadu fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Cook, li jippermetti lill-Unjoni u lill-Gvern tal–Gżejjer Cook jaħdmu flimkien mill-qrib biex jippromwovu aktar l-iżvilupp ta’ politika tas-sajd sostenibbli u l-isfruttament responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd tal-Gżejjer Cook u fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent,. u li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta’ kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti fis-settur tas-sajd.

(3) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi approvat f’isem l-Unjoni.

(4) L-Artikolu 6 tal-Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook ([3]) (il-“Ftehim”) jistabbilixxi Kumitat Konġunt responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll (il-“Kumitat Konġunt”). Barra minn hekk, skont l-Artikolu 7 tal-Protokoll, il-Kumitat Konġunt jista’ japprova ċerti emendi għall-Protokoll. Sabiex tiġi ffaċilitata l-approvazzjoni ta’ tali emendi,, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tapprovahom f’isem l-Unjoni bi proċedura ssimplifikata, b’ċerti dispożizzjonijiet u kondizzjonijiet sostantivi u proċedurali.

(5) Jenħtieġ li jkun il-Kunsill li jistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-emendi proposti tal-Protokoll. Jenħtieġ li l-emendi proposti jiġu approvati, sakemm ma jkunx hemm minoranza li timblokka ta’ Stati Membri, f’konformità mal-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li joġġezzjonaw għal dawk l-emendi..

(6) Peress li l-Protokoll ikopri fuq aktar minn sena finanzjarja waħda, l-impenji baġitarji relatati jistgħu jinqasmu f’pagamenti parzjali annwali matul id-durata tal-Protokoll, f’konformità mal-Artikolu 112(2) tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

([1]) Approvazzjoni tal-20 ta’ Mejju 2026 (għadu mhux ippubblikat f’Il-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/2625 tat-12 ta’ Novembru 2025 dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook (2025–2032) (ĠU L, 2025/2625, 23.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/2625/oj).
([3]) ĠU L 131, 20.5.2016, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2016/776/oj.
([4]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

(7) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) u ta opinjoni fil-11 ta' Novembru 2025 ([6]),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tal-Gżejjer Cook (2025-2032) (il-"Protokoll") huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

*Artikolu 2*

F'konformità mad-dispożizzjonijiet u mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tapprova, f'isem l-Unjoni, l-emendi tal-Protokoll adottati mill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 6 tal-Ftehim.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha ([7]).

Magħmul fil-Lussemburgu, is-17 ta' Novembru 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. VAFEADES

([5]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

([6]) EDPS Opinion 29/2025 on the signing, provisional application and conclusion of the Protocol on the implementation of the Fisheries Partnership Agreement between the European Union and the Government of the Cook Islands | European Data Protection Supervisor.

([7]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ser tiġi ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unioni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

*ANNESS*

**Proċedura għall-approvazzjoni ta' emendi għall-Protokoll li għandha tiġi adottata mill-Kumitat Konġunt**

(1) Meta l-Kumitat Konġunt jintalab jadotta emendi għall-Protokoll f'konformità mal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll, il-Kummissjoni tkun awtorizzata tinnegozja mal-Gvern tal-Gżejjer Cook u, fejn xieraq u soġġett għall-konformità mal-punt 3 ta' dan l-Anness, tapprova, f'isem l-Unjoni, l-emendi proposti għall-Protokoll fir-rigward ta':

(a) ir-rieżami tal-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 1(2) u l-Artikolu 7(1) tal-Protokoll u, għaldaqstant, tal-kontribuzzjoni finanzjarja prevista fl-Artikolu 2(1) u (2) tal-Protokoll;

(b) l-arranġamenti ta' implimentazzjoni għall-appoġġ settorjali msemmija fl-Artikolu 4 tal-Protokoll;

(c) il-kundizzjonijiet u l-arranġamenti tekniċi li bihom il-bastimenti tal-Unjoni jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom;

(d) is-salvagwardji addizzjonali għall-protezzjoni tad-*data* personali previsti fl-Artikolu 8(4) tal-Protokoll.

(2) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-approvazzjoni f'isem l-Unjoni:

(a) tkun konsistenti mal-objettivi tal-politika komuni tas-sajd;

(b) tkun kompatibbli mar-regoli rilevanti adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd u tqis il-ġestjoni konġunta min-naħa tal-istati kostali;

(c) tqis l-aħħar informazzjoni statistika u bijoloġika u ta' tip ieħor rilevanti mibgħuta lill-Kummissjoni.

(3) Għal dak l-għan, u abbażi tal-informazzjoni msemmija fil-punt 2(c), il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Kunsill, jew lill-korpi preparatorji tiegħu, fi żmien suffiċjenti qabel il-laqgħa rilevanti tal-Kumitat Konġunt, dokument li jagħti fid-dettall deskrizzjoni tal-pożizzjoni proposta tal-Unjoni (id-"dokument ta' tħejjija") għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni.

(4) Il-pożizzjoni proposta tal-Unjoni li tinsab fid-dokument ta' tħejjija għandha titqies li tkun ġiet approvata, ħlief meta għadd ta' Stati Membri li jkun ekwivalenti għal minoranza li timblokka fil-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, joġġezzjonaw għaliha waqt laqgħa tal-korp preparatorju tal-Kunsill jew fi żmien għoxrin jum minn meta jasal id-dokument ta' tħejjija, skont liema minnhom tiġi l-ewwel. F'każ li jkun hemm oġġezzjoni bħal din, il-kwistjoni għandha tintbagħat lill-Kunsill.

(5) Jekk, waqt laqgħat sussegwenti tal-Kumitat Konġunt, ikun impossibbli li jintlaħaq qbil, anki dak il-ħin stess, il-kwistjoni għandha terġa' tintbagħat lill-Kunsill f'konformità mal-proċedura stipulata fil-punti 2 sa 4, sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tqis l-elementi l-ġodda.

(6) Il-Kummissjoni mistiedna tieħu l-miżuri kollha meħtieġa, meta jkun il-waqt, biex jiġi żgurat is-segwitu tad-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, inkluż, fejn xieraq, il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni rilevanti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u l-komunikazzjoni ta' kwalunkwe proposta meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dik id-deċiżjoni.

(7) Fir-rigward ta' kwistjonijiet oħra, li ma jikkonċernawx emendi għall-Protokoll, f'konformità mal-Artikolu 7(3) tiegħu, il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fil-Kumitat Konġunt għandha tiġi stabbilita skont it-Trattati u l-prattiki ta' ħidma stabbiliti.